A.L. 52 ta' l-1993

KODIĊI KRIMINALI (KAP. 9)

Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħlas tal-Ġurati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 616 tal-Kodiċi Kriminali, il-Ministru tal-Ġustizzja, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħlas tal-Ġurati, u għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Mejju, 1993. Titolu u bidu fis-seħħ.

2. F'dawn ir-regolamenti: Tifsir.

"ġurat" tfisser persuna li tieħu l-ġurament bħala ġurat skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali u tinkludi prim ġurat, ġurat supplenti u ġurat speċjali li jkun ħa l-ġurament kif imsemmi qabel;

"reġistratur" tfisser ir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri;

"ġurnata servizz" tfisser jum li matulu ġurat ikun ta s-servizz tiegħu u tinkludi jum is-Sibt, il-Ħadd jew btala pubblika oħra meta l-ġurati ma jitħallewx jerġgħu lura d-dar skond ma hemm fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 471 tal-Kodiċi Kriminali.

3. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 5, ir-reġistratur għandu jħallas, kemm jista' jkun malajr hekk kif tintemm kull kawża li fiha jkun hemm il-ġurati, lil ġurat dritt ta' Lm10 għal kull ġurnata servizz, jew parti minn ġurnata servizz, li matulha dak il-ġurat ma jkun irċeva ebda salarju jew paga minn xogħolu meta l-kawża ma tkunx itwal minn ħmistax-il ġurnata tax-xogħol u Lm15 għal kull ġurnata servizz addizzjonali, jew parti minn dik il-ġurnata, kif imsemmi qabel, iktar mill-ewwel ħmistax-il ġurnata tax-xogħol. Ħlas lil ġurati li ma jirċevux salarju jew paga.

4. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 5, ir-reġistratur għandu jħallas, kemm jista' jkun malajr hekk kif tintemm kull kawża li fiha jkun hemm il-ġurati, lil ġurat dritt ta' Lm3 għal kull ġurnata servizz, jew parti minn ġurnata servizz, li matulha dak il-ġurat ikun irċeva salarju jew paga minn xogħolu. Ħlas lil ġurat li jirċevi salarju jew paga.

5. Ebda dritt kif provdut fir-regolamenti 3 u 4 ma għandu jitħallas lil ġurat għall-ewwel tliet iġranet servizz f'kull xahar mogħtija minn ġurat: Dispożizzjonijiet supplimentari.

Iżda meta kawża li fiha jkun hemm il-ġurati u li tkun inbdiet f'xahar partikolari titkompla fix-xahar jew fix-xhur ta' wara, ġurat ma jkollux jedd għal ħlas ta' dritt, kif provdut f'dan ir-regolament, biss għall-ewwel tliet iġranet servizz li jiġu fl-ewwel xahar.

6. Ir-Regolamenti ta' l-1989 dwar il-Ħlas tal-Ġurati, qegħdin b'dawn ir-regolamenti jiġu revokati. Revoka ta' A.L. 31 ta' l-1989.